Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Settembru 2019**
**(OR. en)**

**12416/19**

**EF 278**
**ECOFIN 819**
**DROIPEN 141**
**CRIMORG 127**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | It-triq 'il quddiem bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prijoritajiet strateġiċi dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu<br>- Nota ta' Analiżi mill-Presidenza |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż in-nota ta' analiżi mill-Presidenza msemmija hawn fuq, bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) tal-10 ta' Ottubru.

**It-triq 'il quddiem bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prijoritajiet strateġiċi dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu**

**Nota ta' Analiżi mill-Presidenza**

**Kuntest**

Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) għandha prijorità għolja għall-Unjoni Ewropea. F'Diċembru 2018, il-Kunsill stabbilixxa Pjan ta' Azzjoni b'azzjonijiet mhux leġislattivi fuq perijodu qasir, li huwa qed ikompli jissorvelja fuq bażi regolari. Bħala parti minn dak il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex twettaq rieżami "post-mortem" ta' każijiet allegati reċenti ta' ħasil tal-flus li jinvolvu lil istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE. F'Lulju 2019, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni u erba' rapporti, inkluż il-"post-mortem", li jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-isfidi attwali (id-dokumenti 11514/19, 11516/19, 11517/19, 11518/19, 11519/19).

**Kwistjonijiet pendenti relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu**

Il-qafas legali rilevanti ttejjeb sostanzjalment matul dawn l-aħħar snin. Xi eżempji jinkludu l-ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus, il-ħames Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u r-rieżami tar-Regolamenti li jistabbilixxu l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej li ser jiġu implimentati matul l-2020. Madankollu, fil-"post-mortem" u fir-rapport tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF), il-Kummissjoni identifikat diversi kwistjonijiet li x'aktarx qed ikomplu jimpedixxu l-effettività tal-qafas Ewropew tal-AML/CFT:

- Differenzi fl-implimentazzjoni, u marġni ta' diskrezzjoni nazzjonali wiesa' fid-definizzjoni tal-obbligi tal-banek u ta' entitajiet obbligati oħra;
- Diverġenzi fil-kompiti, il-kompetenzi u s-setgħat tad-diversi awtoritajiet u korpi inkarigati mill-AML/CFT;
- Differenzi sostanzjali fin-natura / l-ammont / l-użu ta' sanzjonijiet fl-Unjoni;
- Responsabbiltajiet ta' superviżjoni mhux ċari tal-attivitajiet transkonfinali (id-dimensjoni tal-grupp mhijiex żviluppata biżżejjed);

- Kooperazzjoni insuffiċjenti bejn is-superviżuri tal-AML/CFT, is-superviżuri prudenzjali, l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż dawk f'pajjiżi terzi;
- Koordinazzjoni u appoġġ insuffiċjenti għall-UIF fit-twettiq tal-kompiti ġenerali tagħhom, inkluż l-analiżi konġunta.

**It-triq 'il quddiem**

Il-Presidenza tqis li l-AML/CFT hija qasam ewlieni, u għandha l-għan li l-Kunsill jistabbilixxi prijoritajiet strateġiċi biex jiggwidaw lill-Kummissjoni rigward azzjonijiet fit-tul f'dan il-qasam. Dan huwa wkoll f'konformità mal-"*Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024"* tal-Kunsill Ewropew (id-dokument EUCO 9/19), li tappella għal titjib fil-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali.

'Il quddiem, għandu jiġi vvalutat kemm il-bidliet reċenti għall-qafas jindirizzaw il-kwistjonijiet strutturali osservati fir-rapport tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-ambitu ta' azzjonijiet futuri possibbli, il-modi għal aktar armonizzazzjoni tal-qafas legali, u inizjattivi possibbli biex tiġi żgurata superviżjoni effettiva fl-Unjoni kollha, kif ukoll kooperazzjoni bla xkiel bejn id-diversi awtoritajiet u kooperazzjoni msaħħa bejn l-UIF.

Għaldaqstant, u bil-ħsieb tat-tħejjija tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill li għandhom jiġu adottati fil-5 ta' Diċembru, il-Presidenza tistieden lill-Ministri biex jiddiskutu l-kwistjonijiet li ġejjin:

1. Xi jkun **l-aktar ambitu adatt** ta' riformi ġodda? Dan għandu jikkonċerna biss lis-settur finanzjarju/xi subsetturi (eż. banek, ditti ta' investiment, istituzzjonijiet ta' pagament, assiguraturi)? Huwa meħtieġ approċċ separat tal-AML/CFT għas-settur mhux finanzjarju?

2. Kif għandu jiġi indirizzat in-nuqqas ta' effettività tal-qafas attwali tal-AML/CFT li jirriżulta minn differenzi kbar fl-implimentazzjoni nazzjonali? Liema aspetti tal-AML/CFT jibbenefikaw l-aktar minn **aktar armonizzazzjoni permezz ta' Regolament?**

3. Kif għandhom jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati ma' superviżjoni mhux adegwata? Il-ħolqien ta' **korp ġdid tal-UE** huwa mod validu 'l quddiem jew aħjar jintuża korp eżistenti? Liema kompiti jistgħu jkunu previsti għal tali korp, u liema jkun il-mudell ta' governanza adegwat?

4. Kif tista' tiġi żgurata **kooperazzjoni effettiva** bejn l-awtoritajiet u l-korpi rilevanti (tal-UE, tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi) involuti fl-AML/CFT? Il-kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni mal-UIF u bejniethom, jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ?